MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 902/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**

**VS**

**FERNANDO PSAILA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fernando Psaila, ta’ 29 sena, bin Anthony u Mary Rose nee’ Stafrace, imwieled tal-Pieta’, nhar it-8 ta’ Dicembru, 1976, residenti fil-fond Flat 2, Vilhena Court, Triq il-Hagar, Santa Margerita, Mosta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 037877(M);

1. Akkuzat talli nhar it-23 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta tas-01.00pm, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, gewwa tal-Pieta’, u f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq li l-ammont tieghu huwa ta’ aktar minn mitt lira maltin

(Lm100.00), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu tad-dirigenti ta’ Francis Busuttil and Sons Marketing Limited, ta’ Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dawn l-istadju ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Fernando Psaila hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta ‘Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------